# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2025**

**Numru 6**

**Rikors Numru 418/2023**

**Maria Theresa *sive* Tessie Micallef (K.I. Nru : 0574857M)**
**Maria Carmela Zerafa (K.I. Nru : 723950M)**
**Margaret Gilson (K.I. Nru : 0189552M)**
**Josephine Azzopardi (K.I. Nru 0693153M)**
**Mirianna sive Miriam Gilson gia' Scerri (K.I. Nru : 0608255M)**
**Stephen Gilson (K.I. Nru : 0373560M) u**
**Edward Gilson (K.I. Nru : 0018162M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat;**

**L-Awtorita` tad-Djar; u**

**Concetta Avallone (K.I. Nru: 0717051M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Maria Theresa sive Tessi Micallef et (ir-rikorrenti) ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2023, li permezz tiegħu talbu s-segwenti:

1. Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond bin-numru tnejn u erbghin (42), Triq San Carlo, Sliema (Dok A);

2. Illi l-fond in kwestjoni huwa okkupat mill-intimata Concetta Avallone, li inghatat il-pusses tal-istess fond minghand l-intimata Awtorita  tad-Djar fit 12 ta` Novembru,1985 bis-sahha tar-rekwizizzjoni Numru: 833/85 kif jidher car mill-Formula ta` Ftehim (Dok.B);

3. Illi dan il-fond gie rekwizizzjonat fit-24 ta` Lulju,1985 skond ir-rekwizzjoni Numru:833/85, u sussegwentement gie derekwizzjonat fis-7 ta` Mejju,2003 ( Dok.C);

4. Illi kawza tal-Ordni ta` Rekwizizzjoni fuq imsemmija, r-rikorrenti u l-antekawza taghhom kienu kostretti jirrikonoxxu lil Concetta Avallone, li ghadha tokkupa l-fond sal- gurnata tal-lum u l-ahhar li hallset il-kera, ddepozitat l-ammont irrizorja ta` € 209.65 taht l-Awtorita` ta` Qorti tal-Magistrati (Malta ) fl-4 ta` Awwissu,2023 rapprezentanti l-kera mit-12 ta` Frar,2022 sa-12 ta` Frar,2023 (Dok.D);

5. Illi l-kera li l-intimata qieghda thallas ghall-fond de quo giet arbitrarjament iffissata mill-Gvern, liema kera pagabbli fis-sena hija wahda minima hafna u zgur ma kenitx tirrifletti l-valur kummercjali tal-fond;

6. Illi r-rikorrenti u l-antekawza minhom gew affaccjati b` din l-Ordni ta` Rekwizzjoni Numru :833/85 b` mod ingust u b` mod abbusiv u liema Ordni ta` Rekwizizzjoni tikser id-drittijiet kostituzzjonali taghhom a tenur ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u Artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar if-Drittijiet tal-Bniedem, u dan stante illi l-kera li imponewlhom li jircievu ma kenitx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghhom bhala sidien;

7. Illi ghalhekk efffettivament ir-rikorrenti u l-antekwza taghhom gew spossessati mid-dritt ta` uzu tal-proprjeta` taghhom u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta` sid u inkwilin ghal perjodu indefinit u nitilef il-bilanc bejn l-interessi tal-inkwilin u dawk tas-sidien, minkejja li fis-suq liberu kien igib kera ferm aktar gholja minndak offrut lilhom;

8. Ghalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, d-drittijiet tsghhom gew miskura a tenur ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u ta` Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement ghandhom dritt jircievu kumpens stante illi huma gew privati, minghajr ma nghataw kumpens gust ghat -tgwadija tal-proprjeta taghhom.

**Ghaldaqstant** ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu l-intimati ghaliex m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba d-disposizzjoniet tal-Att dwar id-Djar, Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta`Malta,ossia l-Ordni ta` Rekwizzjoni numru 833/85, tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawza minnhom kif sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikolu 1 ta` Ewwel

Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, u li l-effetti ta` tali Ordni ta` Rekwizizzjoni ghadhom sallum jincidu fuq id-drittijiet partimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond numru tnejn u erbghin (42) , Triq San Carlo, Sliema,proprjeta` tar-rikorrenti, a favur tal-intimata Concetta Avallone tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u b hekk tordna lill-Intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju tittermina il-lokazzjoni relattiva u tikancella ghall-effeti kolha tal-ligi ir-rekwizzjoni relattiva, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrula xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jigu rrintegrati fil-pussess shih u godiment reali ta` hwejjighom , billi l-istess intimata Concetta Avallone tigi zgumbrata mill-fond imsemmi;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b` konsegwenza tar-rekizzjoni u okkupazzjoni in kwestjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-inkwilin, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is -suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta ` in kwestjoni;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-ligi.

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effetiv pagament.

   Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-iStat preżentata fis-6 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi preliminarjament u sa fejn l-ilmenti tra-rikorrent huma dwar ordinijiet ta` rekwiżizzjoni, it-tali ilmenti ma jistgħux jitressqu kontra l-Avukat tal-Istat u dan ai termini tal-artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorita tad-Djar Kap 261 tal-Liġijiet ta` Malta);

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrent irid iġib prova sodisfaċenti tat-titolu għall-fond **42, Triq San Carlo, Sliema;**

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu. Ir-rikorrent irid iġibu prova li l-kirja in kwistjoni f` dawn il-proċeduri hi verament protteta;

4. Illi f` kaz li r-rikorrent qiegħed jibbaża l-ilment tiegħu fuq il-Kap. 125 tal-Liġijiet ta` Malta huwa ma jistax jinvoka l-artikolu 37 u dan ai termini tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li ma kien ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal -Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-uzu tal-proprjeta in kwistjoni fil-parametri ta` dak peremessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

6. Illi l-esponent jikkontendi illi huwa ċar mill-ġurisprudenza tagħna illi l-Qrati Kostituzzjonali m`humiex il-forum appożit sabiex tingħata deċiżjoni dwar zgumbrament;

7. Illi fi kwalunkwe kaz, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista` jissustixxi biss mis-26 t Awissu 1996 id-data ta` meta Giovanna Gilson wirtet il-fond b` legat.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-Awtoritá intimata preżentata fl-20 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi kull risposta u eccezzjoni qed issir minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet u risposti ohra;

2. Illi skont l-atturi il-fond mertu tal-kawza gie rekwizizzjonat fl-24 ta' Lulju 1985 u derekwizizzjonat fis-7 ta'Mejju 2003. L-atturi pero' kienu irrokonoxxew lill-okkupanti bhala inkwilina taghhom.

3. Illi l-atturi iridu jipprovaw it-titolu taghhom fuq il-propjeta` shiha u jekk huma mhux wahedhom sidien tal-fond allura il-gudizzju mhux integru u il-kawza ma tistax tregi.

   Illi il-fatti dwar dan il-kaz ser jigu imfissra f' affidavit li ser jigi ipprezentat fil-mori tal-kawza.
4. Illi l-esponenti ma jistghux jigu mitluba ihallsu ebda kumpens ghal okkupazzjoni tal-fond ghaz-zmien meta din kienet sostnuta bis-sahha ta' ligijiet tal-kera u mhux bis-sahha tal-ordni ta' rekwizizzjoni.

5. Illi l-esponenti jaghmlu taghhom l-eccezzjonijiet kollha moghtija mill-partijiet l-ohra sa fejn mhux inkompatibbli mar-risposti tal-esponenti.

6. Illi jekk l-attur qed jattakka biss l-operat ta' ligi jew ligijiet, l-Awtorita' esponenti ma tistax tahti ghal tali legislazzjoni u il-legittimu kontradittur huwa haddiehor. Ghalhekk jekk din kienet kirja kontrollata u protetta bil-ligijiet l-antiki tal-kera allura ghal dak iz-zmien zgurr li l-Awtorita` tad-Djar qatt ma tista' tkun legittimu

kontradittur u ghalhekk, ghandha tinheles mill-gudizzju minghajr ma tbati l-ebda spejjez.

7. Illi ukoll ma jista jkun hemm ebda lezjoni tal-Konvenzjoni qabel ma dina dahlet fis-sehh fl-1987 ghalhekk kull kumpens li jista jinghata irid jigi meqjus minn dik id-data cioe' biss mill-1987 il-quddiem. U zgur li fil-konfront ta' Awtorita' tad-Djar ma jista jigi meqjus ebda kumpens wara il-hrug tal-ordni ta' derekwizizzjoni.

8. Illi ukoll l-Att Dwar id-Djar (Housing Act) li bis-sahha tieghu jinhargu l-Ordnijiet ta' Rekwizizzjoni ma jistax jigi sindakata bhala lesiv ta' drittijiet fundamentali a bazi tal-Kostituzzjoni ghax dan huwa Att protett bl-Art 47 (9) tal-Kostituzzjoni stante li gie promulgat qabel l-1962.

9. Illi ma kien hemm xejn li huwa leziv tad-drittijiet fundamentali fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni. Ghalhekk it-talbiet kif impostati ma jistghux iregu u ghandhom jigu michuda; ukoll id-sidien kienu qed jaccettaw il-kera direttament mill-inkwilin.

10. Illi intant ukoll meta jitqies il-valur tal-fond, attenzjoni trid tinghata ghad-denunzja jew ghad-dikjarazzjoni causa mortis (jekk aplikabbli) ghax hemm indikat il-valur li taw is-sidien stess ghall-post. Il-periti mahtura mill-Qorti iridu jitilqu minn dak il-valur f' dik is-sena u jaraw kemm setghet apprezzat il-propjeta` tul iz-zmien. Ma jistax ikun li sid ghal skop ta' taxxa jindika valur mod u ghal skop ta' kumpens jistenna valur mod iehor.

11. Illi iz-zmien li hadu l-atturi u l-awturi taghhom biex jagixxu ghandu jimmilita kontra l-atturi.

12. Illi jekk hemm sidien ohra allura l-esponenti ma jistghux jigu ordnati ihallsu kumpens shih ghal darbtejn lis-sidien differenti cioe' l-ewwel lill-atturi u wara lil sidien ohra li ghad jistghu jagixxu fil-Qorti. U ghalhekk ebda kumpens iehor ma ghandu jkun dovut lill-haddiehor.

13. Illi drittijiet fundamentali u id-dritt ta' azzjoni ghall-lezjoni ta' drittijet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti la inter vivos u la causa mortis ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment lil min ikun issubixxa il-lezjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Intant jekk jinghata kumpens ghandu jinghata biss minn wara l-1987 u biss mid-data li kull wiehed mis-sidien seta sar sid u dan biss ghas-sehem tieghu jew taghhom mill-propjeta'.

14. Illi jekk l-atturi wirtu biss b' legat il-fond jew sehem minnu, jew xtraw (jew akkwistaw b' cens) sehem minnu allura ma hemm ebda lezjoni li setghu sofrew l-awturi taghhom qabel ma l-atturi akkwistawh u dan hekk kif jinghad fis-sentenza deciza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Dicembru 2020 ***Doreen Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(Rik nru. 167/2019 GM)**.

15. Illi jinghata kumpens lis-sidien attwali fejn dawn ikunu eredi, fejn allura dawn jidhlu fiz-zarbun tas-sid bhala eredi universali. Allura fejn is-sidien godda ikunu biss legatarji u akkwistaw b' titolu partikolari ((jew fejn ikunu xtraw il-propjeta'

milquta bl-ordni ta' rekwizizzjoni) allura ma hemm ebda dritt ta' kumpens hlief mid-data li fiha huma ikunu akkwistaw il-propjeta' bil-legat – u dejjem wara l-1987.

16. Illi fit-22 ta' Gunju 2021 Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet hekk fil-kawza ***Erika Gollcher et vs L-Avukat tal-Istat et.* (Rik 116/2019 FDP)**:

    *"Dwar il-ħames eċċezzjoni, ġie eċċepit li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens għal allegat ksur għal perjodi li setgħu sofrew l-antenati tagħhom.*
    *Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti akkwistaw l-imsemmi fond permezz ta' wirt mingħand ommhom defunta Gerogette Cauchi. Illi huwa leċitu, li l-Qorti tqis biss il-perjodu ta' żmien minn meta r-rikorrenti akkwistaw it-titolu fuq l-imsemmija proprjeta`.*
    *Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' din il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar."*

17. Illi issa ukoll irid jigi osservat li l-awturi tal-atturi probabbilment ma riedux jipprocedu ukoll ghax ma hassewx li kien hemm lezjoni u jekk ma issirx prova li huma hassewhom oltraggjati bl-ordni ta' rekwizizzjoni allura ukoll l-aventi kawza taghhom a jistghux ixejjnu il-fatt li l-awturi kienu kuntenti b' din is-sitwazzjoni.

18. Illi jekk l-atturi ma kienux is-sidien meta sehhet l-allegata lezjoni kostituzzjonali allura huma ma ghandhom ebda locus standi f' din il-kawza u ghalhekk it-talbiet fir-rikors ma jistghux jigi milqugha. Referenza ssir ghal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Maria Gialanze` vs Carmen Mizzi et. (deciza 02/12/2021; Rik nru. 79/2020)**:

    *"Biżżejjed jingħad għall-fini ta' din il-kawża li d-drittijiet umani huma kkunsidrati inerenti għall-persuna umana. Min-natura tagħhom huma marbutin mal-persuna tal-vittma. Huma drittijiet personali, u mhux drittijiet in rem. Anke fil-każ li dritt fundamentali jikkonsisti fil-vjolazzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta`, u l-vittma tkun intitolata għal kumpens,* ***dak il-kumpens huwa marbut mal-persuna tal-vittma u mhux mal-proprjeta`****. Jekk il-proprjeta` tiġi ttrasferita lil terza persuna, kemm b'titlu gratuwitu kif ukoll b'titlu oneruż, id-dritt tal-kumpens ma jistax jiġi ttrasferit flimkien mal-proprjeta`."*

    l-istess ghalhekk jista' jinghad ghal-propjetajiet li gew akkwistati permezz ta' wirt – specjalment permezz ta' legat;

19. Illi la kien hemm Ordni ta' Derekwizizzjoni ghall-propjeta` tal-kawza in kwistjoni allura ma' jista' jkun hemm ebda lezjoni ta' dritt kostituzzjonali maghmula mill-esponenti ghall-anqas minn dakinhar il-quddiem, peress li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni lanjat mill-attur tkunx ghadha tezisti. Mal-hrug ta' din l-ordni ta' Derekwizizzjoni tinghatat ukoll lis-sidien il-fakolta' li jiehdu lura il-propjeta' jekk ma kienx hemm ligijiet ohra li jaghtu protezzjoni lill-okkupanti.

20. Illi jekk l-atturi u l-awturi taghhom urew inerzja biex jagixxu kontra l-okkupanti, ghal din l-inerzja ma tistax tahti l-Awtorita' tad-Djar. Bizzejjed jinghad li l-atturi fethu din il-kawza hafna wara li inhareg l-Ordni ta' Rekwizizzjoni.

21. Illi dan il-punt gie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' ***Michael Farrugia vs Avukat tal-Istat et.*** **(Rik. 78/16; deciza 04 ta' Mejju 2021)**. Fil-fatt is-sentenza tghid hekk:

> *"36. Fl-ewwel lok, jiġi puntwalizzat, li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond, abbażi tal-effetti tal-liġi u ċioe` tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mil-liġi tal-Istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzjoni per se, maħruġa fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awissu 2007. Infatti, r-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorita` tad-Djar, ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni tramite l-mezzi ordinarji provvduti fil-liġi.*
>
> *37. Inoltre`, l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond de quo abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni stante li l-fond ilu derekwiżizzjonat minn Awissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjeta` tagħhom, u li jibqgħu jipperċepixxu kera baxxa.*
>
> *38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorta` tad-Djar. Jiġi ribadit li l-Awtorita` tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakultà leġislattiva, kwindi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. In vista tas-suespost, l-Awtorita` tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-leġittimu kontradittur. Konsegwentement, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."*

22. Illi f' kaz li tirrizulta lezjoni tad-dritt fundamentali tal-propjeta`, li kienet u ghadha qed issehh, allura il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-lezjoni u taghti kumpens ghall-lezjoni sofferta sad-data tal-prezentata tal-kawza jew sal-1 ta' Gunju 2021(data li fiha dahlet fis-sehh il-ligi Att XXIV tal-2021) jew liema minnhom tigi l-ewwel, u tieqaf hemm. Il-lezjoni zgur li issa giet indirizzata u ma tistax tkompli la darba hemm l-Att XXIV tal-2021. Imma intant ebda kumpens ma ghandu jkun dovut mill-esponenti ghas-snin wara il-hrug ta' l-Ordni ta' Derkwizizzjoni.

23. Illi l-Att XXIV tal-2021 ma jledi ebda dritt fundamentali anzi johloq soluzzjoni ghal jistabilixxi proporzjonalita' bejn il-kumpens imhallas u il-piz merfugh mis-sidien ta' propjetajiet milquta minn ordni ta' rekwizizzjoni u, jew mill-ligijiet l-antiki tal-kera. Ghalhekk it-talba biex titnehha l-Ordni ta' Rekwizizzjoni u jew biex tigi mitmuma il-kirja ma jistghux jintlaqghu ghax il-lezjoni mhijiex gejja mill-ezistenza taOrdni jew tall-kira imma mill-isproporzjonalita' bejn ix-xkiel li gie impost fuq il-propjeta minn dawn il-ligijiet u il-kumpens li kien qed jithallas.

24. Illi jekk il-fond ikun ghadu okkupat bhala residenza a bazi ta' ordni ta' rekwizizzjoni u jew a bazi ta' kirja li bdiet qabel l-1995 allura is-sid ghandu rimedju iehor li inghata bl-att XXIV tal-2021 fejn hu, permezz ta' rikors quddiem

il-Bord li Jirregola il-Kera jista sahansitra jitlob zieda fil-kumpens jew fil-kera (skont il-kaz) sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-propjeta`. Ghalhekk kull lezjoni li seta kien hemm bazata fuq it-thaddim tal-Kap 158 (ara Art 11(5) ), Kap 69 (ara Art 4A) u Kap 125 (ara Art 12B) tal-ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-okkupazzjoni mill- 1 ta' Gunju 2021 il-quddiem issa giet sanata bl-emendi li saru f' dawn il-ligijiet tramite l-Att XXIV tal-2021. Inoltre ghandu jinghad li ghall-kirjiet residenzjali ta' qabel l-1995 is-sidien jistghu anke jitolbu zgumbrament fi zmien sentejn jekk l-inkwilini ikollhom mezzi kif indikat mill-ligi;

25. Illi fuq dawn l-ahhar punti referenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet ***Georgina Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(deciza 01/12/2021; rik nru. 216/19/1)** fejn l-istess Qorti ikkummentat fuq l-okkupazzjoni tal-inkwilina vis-à-vis l-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att XXIV ta' 2021:

> *"Fir-rigward imbagħad tad-dikjarazzjoni li qed tiġi mitluba relattiva għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza appellata ma saret l-ebda determinazzjoni dwar il-validita` konvenzjonali jew kostituzzjonali tal-emendi tal-2021, għaliex tali determinazzjoni qatt ma ġiet mitluba minn xi ħadd mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li Janice Schembri ma tistax tibqa' tibbenefika mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni in kwistjoni, ġaladarba din id-dikjarazzjoni ġġib fix-xejn l-emendi msemmija minkejja li dawn ma ġewx dikjarati invalidi mill-Qorti. Il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat fl-2021 il-ħlas dovut għall-okkupazzjoni tal-fond jista' jiġi awmentat għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fuq is-suq liberu. Dan ifisser li għalkemm fl-imgħoddi din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet leżiva kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, illum-il ġurnata bl-emendi introdotti fl-2021, għad irid jiġi aċċertat jekk din il-leżjoni għadhiex preżenti jew ġietx indirizzata b'mod effikaċi.*
>
> *Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ kif provdut fil-paragrafu preċedenti.*
>
> *Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parti l-appell tal-Awtorita` tad-Djar, tħassar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-intimata Schembri m'għandhiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża u tiddikjara li din is-sentenza hija bla ħsara għall-applikabilita` tal-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021.*

26. Illi fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2021 bl-ismijiet ***Simon Mercieca vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat; Awtorita` tad-Djar; Mary Mugliett***, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ukoll:

> *"Tifdal il-kwistjoni jekk il-kerrejja Mugliett tistax tkompli tinqeda biddispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] kif issa emendata.*
>
> *Ċertament l-emendi mdaħħla fil-Kap. 69 bl-Att XXIV ta-2021 ma jħassrux it-telf li ġarrab l-attur qabel daħlu fis-seħħ, u għalhekk dawk l-emendi ma*

*jolqtux il-likwidazzjoni tad-danni. Min-naħa l-oħra l-ewwel qorti sabet li ddispożizzjonijiet tal-Kap. 69 li jiksru l-jeddijiet tal-attur kienu dawk fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, u mhux dawk li daħlu fis-seħħ wara. Barra minn hekk, l-attur ma għandu ebda jedd miksub ta' żgumbrament tal-konvenuta Mugliett, billi l-ewwel qorti, għar-raġunijiet tajba mogħtija fis-sentenza, ma ordnatx l-iżgumbrament. Għalhekk ma hemmx raġuni għala l-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinqeda bil-Kap. 69 kif issa emendat.*

*Dik il-parti tas-sentenza li żżomm lill-konvenuta Mugliett milli tinqeda bilKap. 69 għandha għalhekk titħassar.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma ssentenza appellata:*

i. *tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji u morali li ġarrab l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tliet euro (€14,303), u tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*
ii. *tħassarha fejn iddikjarat illi "tidderiġi lill-intimata Mary Mugliett sabiex ma tibqax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta" billi s-sejbien illi l-Kap. 69 kien bi ksur taljeddijiet tal-attur jolqot id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza kif kienu qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV ta-2021, u għalhekk il-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinżamm milli tinqeda b'dik l-Ordinanza kif issa fis-seħħ."*

27. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ma ghandhomx jintlaqghu fil-konfront tal-esponenti; u zgur ma ghandux ikun hemm kumpens kontra l-esponenti ghaz-zmien qabel l-1987 (data tad-dhul fis-sehh tal-Konvenzjoni) u ghaz-zmien wara hrug ta' derekwizizzjoni. U dan anke in vista tal-fatt li l-atturi kienu qed jaccettaw il-kera direttament minn ghand l-inkwilin. Ghalhekk inholqot relazzzjoni ta' kera bejn is-sidien u l-inwilini. Ukoll kif fuq inghad ma ghandu jkun hemm ebda kumpens ghaz-zmien qabel ma l-atturi akkwistaw il-post de quo.

28. Ghalhekk fil-konfront tal-esponenti it-talbiet kollha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat ir-risposta tal-intimata Concetta Avallone ppreżentata fil-5 ta' Ottubru 2023 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Preliminarjament, l-intimata Avallone m`hijiex il-leġittimu kuntradittur tat-talbiet tar-rikorenti, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikrorrenti ma eżawrewx ir-rimedji kollha provduti mill-liġi qabel ma ntavolaw dawn il-proċeduri;

3. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari suesposta u sussidjarjament, kwalunkwe azzjonili tallega li leġislazzjoni tirriżulta fi vjolazzjoni ta` drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem u f` dan il-każ odjem vjolazzjoni ta` l- Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta għandha tiġi diretta kontra l-Istat u mhux kontra individwi;

4. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti u sussidjarjament, jekk jirriżultaw xi danni, dawn id-danni qatt ma jistgħu jiġu attribwiti lil jew jiġi mitluba mill-intimata avallone iżda se mai kwalsijasi talba ta` kumpens għal danni riżultanti minn leġislazzjoni għandha tintlab mill-istat u l-Istat ma jkollux il-fakulta ta` azzjoni kontra l-eċċipjenti;

5. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijet din l-azzjoni odjerna m`għandha qatt tintuża jew ikollha xi efett biex tattakka it-titolu li tgawdi l-eċċipjenti fuq il-fond inkwilinat;

6. Illi din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti biex tisma u tiddeċiedi dwar terminazzjoni u zgumbrament ta` titolu ta` lokazzjoni imma semmai għandu jkun il-Bord tal-Kera li jiddeċiedi;

7. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, fil-mertu, l-intimata Avalonne tgawdi titolu tajjeb ta` kera u dejjem hallsu il-kera b` mod regolari lir-rikorrenti jew il-predeċċessuri tagħhom dejjem aċċettaw;

8. L-intimata Avallone m` għandiex tbagħti spejjez ta` dawn il -proċeduri.

9. Salv eċċezzjonijiet ohra li jisthu jitressqu skond il-liġi.

Rat in-nota tal-14 ta' Marzu 2024 fejn din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti fejn irtiraw kwalunkwe referenza li huma għamlu għal artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Din il-kawża tirrigwarda l-fond numru 42, Triq San Carlo, Sliema. Il-fond in kwistjoni huwa okkupat mill-intimata Concetta Avallone, li ngħatat il-pussess tiegħu mill-Awtorita`intimata fit-12 ta' Novembru 1985, u dan bis-saħħa tar-rekwiżizzjoni 833/85. Dan il-fond ġie rekwiżizzjonat fl-24 ta' Lulju 1985, u sussegwentement derekwiżizzjonat fis-7 ta' Mejju 2003. Liema derekwiżizzjoni r-rikorrenti ma kienu qatt infurmati biha. L-intimata għadha tokkupa l-fond sa llum u bħala l-aħħar kera kienet ta' €209.65 ta' sena.

Il-kera kienet titħallas lill-Awtorita` intimata iżda mbagħad sussegwentement kien ġie mitlub li tali kera titħallas direttament għand is-sidien tal-fond.

**Punti ta' Liġi**

Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti, qua werrieta, qed jilmentaw l-eżistenza ta' vjolazzjoni tad-dritt tagħhom u tal-antekawża tagħhom għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru 833/85. Ir-rikorrenti jilmentaw ulterjorment li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwiżizzjoni għadhom sa llum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom.

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja

L-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ġie kostantament interpretat mill-Qorti Ewropea kif ġej:

"*Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, SeriesA no. 98; and Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 98, ECHR 2000-I).*" (**Zammit and Vassallo v. Malta;** Applikazzjoni numru 43675/16, 28 ta' Mejju 2019).

Il-Qorti Ewropeja stabbiliet għalhekk li l-kontroll fuq il-kera u r-restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kera għalkemm legali u magħmulin għal skop leġittimu fl-interess ġenerali, jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetá tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll. Iżda dan l-indħil ikun konformi ma' dan l-artikolu biss meta jkun wieħed legali, magħmul għal skop leġittimu fl-interess ġenerali u jilħaq bilanċ ġust bejn l-interess ġenerali tal-

komunitá u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu:

"*The Court reiterates that in order for an interference to be compatible with Article 1 of Protocol No. 1 it must be lawful, be in the general interest and be proportionate, that is to say it must strike a "fair balance" between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (see, among many other authorities, Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 107, ECHR 2000-I, and J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. the United Kingdom [GC], no. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III).*" (**Cassar v. Malta**, applikazzjoni numru 50570/13, 30 ta' April 2018).

Dan ifisser li tali nterferenza ikkawżata ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu minħabba raġunijiet segwenti li huma wkoll indikati mir-rikorrenti fil-premessi:

"*The Court notes that it has found in plurality of cases against Malta concerning the same subject matter that, despite the considerable discretion of the State in choosing the form and deciding on the extent of control over the use of property in such cases, having regard to the low rental value which could have or was received by the applicants, their state of uncertainty as to whether they would ever recover the property (despite more recent amendments), the lack of procedural safeguards in the application of the law and the rise in the standard of living in Malta over the past decades, a disproportionate and excessive*

*burden was imposed on the applicants who were made to bear most of the social and financial costs of supplying housing accommodation (see Amato Gauci, cited above, § 63; Anthony Aquilina v. Malta, no. 3851/12, § 67, 11 December 2014; and Cassar v. Malta, no. 50570/13, § 61, 30 January 2018). In those cases the Court found that the Maltese State had failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant's right of property and that there had thus been a violation of Article 1 of Protocol No.1 to the Convention."* (**Buttigieg and Others v. Malta**, applikazzjoni numru 22456/15, 11 ta' Diċembru 2018).

Hruġ ta' Ordni ta' Rekwiżizzjoni a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti Ewropeja u bl-istess mod il-Qrati tagħna, ukoll konsistentement iddikjaraw li ordni ta' rekwiżizzjoni tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti mħarsa taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, riflessi wkoll fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan għaliex il-kera li għaliha huwa intitolat r-rikorrenti hija miżerjament baxxa u għalhekk tilledi l-prinċipju ta' proporzjonalitá bejn id-dritt tal-Istat u dak taċ-ċittadin kif rikjest fl-Artikoli msemmija (għal rassenja legali fuq dan il-punt ara kawżi **Eric Borg et vs Chairman tal-Awtoritá tad-Djar et**, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 6 ta' Novembru 2020 u **Ethel Baron et vs L- Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019).

Il-Kap. 125 tal-liġijiet ta' Malta, bis-saħħa ta' artikolu 8 tal-istess liġi, jannulla għal kollox il-volonta' tas-sid billi dan ikun kostrett forzożament jirrikonoxxi persuna li ma jkun qatt tratta magħha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ċirkostanza bħal din toħloq preġudizzjali aktar gravi milli kieku l-okkupazzjoni tal-fond tkun saret jew bis-saħħa ta' Kap. 158 tal-liġijiet ta' Malta jew b'Kap. 16, jew b'Kap. 69 tal-liġijiet ta' Malta. Filwaqt li fl-aħħar każijiet is-sid ikollu xi xorta ta' kontroll, b'ordni ta' rekwiżizzjoni dak il-kontroll jiġi kompletament imċaħħad. Għalhekk f'din il-kawża il-Qorti ser tkun qed tieħu nota ta' din iċ-ċirkostanza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Qabel ma tikkunsidra l-mertu tal-każ il-Qorti sejra tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati.

L-eċċezzjoni preliminari rigward il-prova tat-titolu tar-rikorrenti fuq il-proprjetá in kwistjoni. Din l-eċċezzjoni ġiet sollevata.

Il-ġurisprudenza kostanti tgħallem li l-prova tat-titolu ma hijiex sine qua non sabiex tirnexxi azzjoni ta' indole kostituzzjonali u/jew konvenzjonali bħal ma hi azzjoni ta' rivendika:

"*Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika (Kost.* ***27.3.2015*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et****). Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun*;"

(**Robert Galea vs Avukat Ġenerali et**, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 7 ta' Frar 2017).

Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond de quo. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti għandhom titolu validu fuq il-fond. Isegwi li għandhom dritt jippretendu li jgawdu ħwejjiġhom u, aktar minn hekk, jitolbu l-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom fuq ħwejjiġhom meta dawn ikunu miċħuda.

Fir-rigward tal-fattur taż-żmien minn mindu għandha tibda titqies il-leżjoni, il-Qorti hija konsapevoli tas-**Sentenza Ian Peter Ellis pro et noe vs Maggur Alfred Cassar Reynaud datata 27 ta' Jannar 2017** fejn intqal hekk:

"*Fir-rigward tal-fattur taz-zmien minn mindu kellha tibda titqies il-lezjoni li sabet l-ewwel Qorti, din il-.Qorti tosserva li l-punt tal-partenza mhuwiex iz-zmien meta r-rikorrenti wirtu, inizjalment b'mod parzjali u eventwalment fl-intier tieghu, il-fond de quo, imma s-sena 1990 meta skadiet il-koncessjoni subenfitewtika ghax dan huwa z-zmien meta l-awturi fid-dritt tar-rikorrenti kellhom jiehdu lura l-fond izda ma setghux minhabba l-intervent legislattiv fuq indikat. F'dak iz-zmien gie impost fuq is-sidien rapport ta' lokazzjoni bejnhom u bejn l-intimati konjugi Cassar Reynaud u l-fatt li kien sussegwentement li l-fond intiret mir-rikorrenti huwa irrelevanti ghall-finijiet ta' dan l-ezami, stante li, kif korrettement sottomess mir-rikorrenti, ladarba l-patrimonju tal-awturi tar-rikorrenti wirtuh ir-rikorrenti t-telf ta' qligh soffert mill-awturi fid-dritt taghhom effettivament sofrewh ukoll l-istess rikorrenti meta wirtu patrimonju anqas minn dak li kienu jirtu kieku mhux ghal-lokazzjoni imposta fuq l-awturi taghhom.*"

Kif ġia rriteniet f'kawżi ta' din ix-xorta, din il-Qorti tqis madanakollu li, biex l-eredi f'kawżi bħal dan in eżami ikunu f'pożizzjoni li jinsistu fuq it-telf monitarju tal-awturi tagħhom, ai fini biss ta' kumpens, ikun utili li jiġi eżaminat il-komportament tal-istess awturi. Il-Qorti sejra tikkonsidra tali komportament fid-determinazzjoni tagħha dwar iż-żmien li l-atturi u l-awturi ħadu biex jaġixxu.

Għal dak li jirrigwarda d-dekors taż-żmien minn mindu għandha tibda titqies il-leżjoni kostituzzjonali u konvenzjonali, id-data preċiża għandha, fil-każ tal-ilment marbut mad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125, tibqa' dik ta' meta l-fond intlaqat bl-Ordni ta' Rekwiżizzjoni.

Ir-rikorrenti ma jidhirx li eżawrew ir-rimedji kollha ordinarji qabel intavolaw dawn il-proċeduri. Jidher li r-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni.

Kif kemm -il darba ribadit, "*L-ghan ewlieni ta` procediment ta` natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa li l-persuna illi tkun qed iggarrab ksur tal-jeddijiet fondamentali taghha tinghata rimedju effettiv u minghajr dewmien. Hija gurisprudenza stabbilita illi, anke jekk procediment kostituzzjonali huwa ntiz biex ikun straordinarju, cittadin li jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu m`ghandux ikun obbligat ifittex rimedju ordinarju, jekk ir-rimedju li jista` jinghata ma jkunx effettiv sabiex jindirizza l-ilment tieghu.*" (**Gerald Camilleri et vs Avukat Ġenerali et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2019**).

Jiġi sottolineat fid-dawl ta' dan l-insenjament li l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda l-applikazzjoni per se tal-liġijiet in eżami fil-konfront tagħhom u kif

dan jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom. Ma hemm għalhekk ebda rimedju li jista' effettivament u effikaċament jindirizza l-ilment kostituzzjonali postulat f'dawn il-proċeduri. Dan għaliex dikjarazzjoni dwar leżjoni ta' drittijiet fundamentali tista' tingħata biss min din il-Qorti. Dan huwa aktar evidenti fil-każ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125.

L-Awtoritá intimata tissolleva li mhijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża sa fejn jirrigwarda okkupazzjoni tal-fond għal xi żmien meta tali okkupazzjoni tkun sostnuta bis-saħħa ta' liġijiet tal-kera u mhux bis-saħħa tal-ordni ta' rekwiżizzjoni. Jekk jew sa fejn ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw l-operat tal-liġi, l-Awtorita` intimata ma taħtix għal-leġislazzjoni u kieku stess il-leġittimu kontradittur ikun xi ħaddieħor.

Il-Qorti sejra issa tindirizza l-punt sabiex l-inkwilina tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-konsiderazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, din il-Qorti dejjem applikat il-prinċipju espost fis-sentenzi hawn msemmija:

"*Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm hija taqbel mat-tezi tal-intimata Camillleri li, ladarba hi agixxiet skont il-ligi, allura m'ghandhiex legalment tirrispondi ghall inkostituzzjonalita tal-ligi jew tehel spejjez tal-kawza, u huwa l-istat li huwa finalment responsabili, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-intimata stante li hi parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza taghha f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju. Hi bhala inkwilina tal-fond in kwistjoni ghandha interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilha direttament (ara* ***Evelyn***

***Montebello et vs Avukat Generali et**, Kost 13/07/2018;* ***Sam Bradshaw et vs Avukat Generali et**, Kost 06/02/2015 u* ***Raymond Cassar Torreggiani vs Avukat Generali**, Kost 22/02/2013).*" (**Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), 27 ta' Ġunju 2019; ara wkoll J&C Properties Limited vs Avukat Ġenerali** ċitata supra).

Din il-Qorti sejra għall-istess raġuni tiċħad din l-eċċezzjoni tal-intimata inkwilina u sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta. A tenur tal-artikolu 3 ta' dan il-Kap, l-Awtoritá intimata ħarġet l-Ordni ta' rekwiżizzjoni in virtù ta' liema l-fond ġie allokat lill-intimata. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali ormai stabbiliti, tali Ordni tikkontrolla l-użu tal-proprjetá mingħajr kumpens xieraq u b'mod għal kollox sproporzjonat għall-iskop li għalih inħarġet tant li kważi ċċaħħad għal kollox lis-sid mid-dritt li jirriprendi l-pussess tal-proprjetá fi żmien prevedibbli u definittiv.

Din il-Qorti għalhekk sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament sa fejn tirrigwarda dikjarazzjoni ta' leżjoni minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta ossia l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Il-Qorti għaldaqstant sejra issa tqis il-bqija tat-talbiet rimedjali limitatament safejn jirrigwardaw il-leżjoni minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125.

Bħala rimedju għal din il-vjolazzjoni, r-rikorrenti qed jitolbu lil Qorti sabiex "*tordna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju tittermina l-lokazzjoni relattiva u*

*tikkanċella għall-effetti kollha tal-liġi r-rekwiżizzjoni relattiva, oltre rimedji oħra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq sabiex tassigura illi r-rikorrenti jiġu rrintegrati fil-pussess sħiħ u godiment reali ta' ħwejjiġhom, billi l-istess intimata Concetta Avallone tiġi żgumbrata mill-fond imsemmi*".

Ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll sabiex din il-Qorti tiddikjara, tillikwida u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-liġi bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Din il-Qorti tara li t-talba għar-rimedji xierqa hija bbażata fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti Nazzjonali.

Il-qagħda ġuridika kif espressa mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward hija li "*sabiex ir-rimedju tal-ksur ikun effettiv u xieraq, dan ma jistax ikun ghajr dak mahsub fis-subartikolu 3[2] tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja [kap. 319], jigifieri li din il-Qorti tiddikjara li l-ligi 'safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett'. L- artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jipprovdi l-istess. Dan ifisser ukoll li f' ghajnejn il-ligi l-ordni ta' rekwizizzjoni ma tistax tibqa' ikollha aktar effett. Ghalkemm mhux qed jigi dikjarat li inizjalment din hi illegali, ma jistax ikun li tibqa' fis-sehh ladarba bil-moghdija taz-zmien qeghda tikser id-drittijiet fundamentali tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta`. Ghalhekk minghajr ma hu responsabbli ghall-ksur dikjarat, l-intimat Ciantar naturalment ser jintlaqat mill-konsegwenza tal-ligi ineffettiva u ma jistax aktar jistrieh fuq dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi sabiex jiggustifika l-uzu tal-fond ghar-residenza tieghu u tal-familja tieghu ...*

*Il-Qorti tosserva li, minkejja li din il-Qorti ghandha s-setgha legali li taghti kull*

*rimedju sabiex twaqqaf il-lezjoni u taghti kumpens adegwat, kif dejjem irriteniet ... (Ara Q.Kost 72/2013,* ***Maria Ghigo vs. Awtorita tad-Djar et****, Rik. Kost. 47/17), hi tal-fehma li huwa opportun li tali talba ghall-izgumbrament ghandha tigi ezaminata, mhux quddiem qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali, izda quddiem qorti jew bord appozitu li tipprovdi ghalihom il-ligi ordinarja, u tigi ezaminata quddiem dik il- qorti/bord fid-dawl tal-rimedju moghti f' dan il-gudizzju konsistenti fid-dizapplikazzjoni tal-ligijiet tal-kera fuq indikati u fid-dikjarazzjoni li l-ordni ta' rekwizizzjoni ma jibqax ikollha effett fil-ligi (Ara wkoll Q.Kost. 86/2015,* ***John Mattei et vs L-Awtorita' tad-Djar et,*** *deciz 5 ta' Ottubru 2018.). L-istess jinghad ghal talba tas-sid ghat-tmiem ta' kirja ... talba ghal zgumbrament u/jew terminazzjoni ta' kirja ghandha ssir quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti. Hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella v. Henry Azzoparti et.*** *(Q. Kost. 15/2014, deciza 30 ta' Settembru, 2016; ara wkoll App. Kost. 2/2017,* ***Maria Pia sive Marian Galea vs Avukat Generali et****, deciz 14 ta' Dicembru, 2018.): "Dan ma jfissirx illi din il-qorti sejra tordna l-izgumbrament tal-konvenuti Azzopardi; dan ma huwiex kompitu ta' din il-qorti. Li qieghda tghid il-qorti huwa biss illi f'kawza ghall-izgumbrament tal-konvenuti Azzopardi quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, il-konvenuti Azzopardi ma jkunux jistghu jinqdew bl-art. 5 tal-Kap. 158 ghad-difiza taghhom."*

*Galadarba din il-Qorti tqies li talba ghal ordni ta' zgumbrament m'ghandhiex tigi deciza f'proceduri ta' natura kostituzzjonali li huma ntizi sabiex jigi deciz jekk*

*hemmx ksur tad-drittijiet fondamentali ta' cittadin, dik il-parti tas-sentenza appellata li ordnat l-izgumbrament ghandha tigi revokata.*" (**Louis Apap Bologna vs Calcedonio Ciantar**, **Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Lulju 2019**).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, u anke iżda tal-fatt li l-ordni ta' rekwiżizzjoni f'dal-każ odjern ġiet revokata fl-2003, u r-rikorrenti xorta waħda baqgħu jirrikonoxxu lill-intimata bħala inkwilina u anke jaċċettaw kera mingħandha, l-Qorti tiddikjara li mhijiex il-forum adegwat biex tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni tal-iżgumbrament, kif diġa` kien hawn fuq spjegat.

Din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis it-talba tar-rikorrenti għall-kumpens. Fir-rigward ta' din it-talba tqum il-kwistjoni ta' trapass ta' żmien li juri li ħadd mill-awturi tal-atturi ma ħass li bil-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni kienu qed jiġu leżi xi drittijiet fundamentali u li tali trapass taż-żmien mingħajr azzjoni għandu jimmilita kontra r-rikorrenti.

Tabilħaqq, altru dak li jkun sa mill-bidu li sar jaf bil-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni, jkun għamel dak kollu possibbli biex skont il-liġi jirrevendika d-drittijiet proprjetarji tiegħu però dejjem sab l-ostaklu fil-liġi, u altru wieħed, li minkejja dak li tgħid il-liġi, baqa' qatt ma għamel xejn. Jista' jkun minħabba letarġija jew għax addirittura kien kuntent bil-preżenza tal-okkupant fil-proprjetá tiegħu. Ai fini ta' kumpens biss, is-suċċessuri tal-awturi f'kawżi ta' din ix-xorta, ma jistgħux jikkapitalizzaw mill-passivitá tal-awturi tagħhom.
Jirriżulta wkoll li wara l-ħruġ tal-imsemmija ordni, fl-1989 Tereza Bezzina kienet talbet permezz tal-avukat tagħha sabiex tibda tirċievi l-kera direttament u tali

kera ma tibqax titħallas lill-*Housing.*

Rigward it-talba għall-kumpens u d-danni sofferti mir-rikorrenti, qed issir referenza għal dak li qalet il-**Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) per imħallef Joseph R. Micallef fis-sentenza Robert Galea vs Avukat Ġenerali et datata 7 ta' Frar 2017**. Minħabba l-mod ċar u raġjonat tal-mod kif inhu espost l-argument dwar il-materja, ikun utli li parti minn din is-sentenza tiġi riprodotta "in extenso":

"*li l-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni mġarrba. Minbarra dan, ir-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq l-għoti ta' kumpens taħt l-artikolu minnu msemmi tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel lok, il-Konvenzjoni tagħmel mil-liġijiet ta' Malta safejn id-dispożizzjonijiet tagħha kienu inkorporati fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu ma kienx hekk inkorporat. Fit-tieni lok, huwa maqbul li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jgħoddu għall-Qorti ta' Strasbourg u mhux għall-qrati domestiċi tal-Pajjiżi Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. (Ara Kost.* ***30.9.2016*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Maria Stella Azzopardi Vella et vs Avukat Ġenerali et)****;*

*Illi b'daqshekk ma jfissirx li t-talbiet tar-rikorrent dwar l-għoti ta' rimedju mhumiex sejrin jintlaqgħu. Jekk ma jistgħux jintlaqgħu talbiet għal-likwidazzjoni ta' kumpens u danni bis-saħħa tal-imsemmi artikolu 41 tal-Konvenzjoni, jista' u sejjer jingħata rimedju taħt il-kriterji tal-għoti ta' rimedju bħal dan minn din il-Qorti fis-setgħat u kompetenza attwali tagħha (Kost.* ***17.12.2010*** *fil-kawża fl-*

*ismijiet* ***Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et****).*
*Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni rimedju mitlub mir-rikorrenti fit-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tiegħu ma jistħoqqlux jintlaqa', imma sejjer jingħata kumpens taħt it-tieni talba tiegħu;*
*Illi huwa llum stabilit li r-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunita' mitlufa (Kost.* ***22.2.2013*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Albert Cassar et vs Onor. Prim Ministru et****)."*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Josephine Azzopardi pro et noe vs Avukat Ġenerali et****, 12 ta' Lulju 2019 rriteniet li "Hu ben stabbilit fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li rimedju kostituzzjonali ma jfissirx necessarjament ir-rimbors tal-valur shih fuq is-suq lis-sid (Q. Kost. 1/2017,* ***Chemimart Ltd [C74] v. Avukat Generali et,*** *deciz 14 ta' Dicembru, 2018.). Dan ghal diversi ragunijiet li din il-Qorti fissret fis-sentenza fl-ismijiet* ***Josephine Azzopardi pro et noe v. Onor. Prim'Ministru et*** *(Q. Kost. 80/14 deciz 25 ta' April, 2018)***.**

*Art. 1 tal-Ewwel Protokoll ma jiggarantix dhul daqskemm jaghti s-suq hieles. Qieghda tassumi wkoll illi kinet sejra ssib min jikri l-appartament ghaz-zmien kollu li ghalih qieghda tippretendi kumpens, u wkoll mill-2002, u li dan il-kerrej kien sejjer jassumi hu l- obbligazzjoni ta' manutenzjoni u tiswijiet....*

*Kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-31 ta' Ottubru, 2014, fl-ismijiet* ***Igino Trapani et v. Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali*** *u*

*citata wkoll mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Il-Qorti zzid tghid ma' dan li ghandu jigi kkonsidrat, kemm il-htiega li l-Istat jipprovdi ghal akkomodazzjoni socjali u wkoll min-naha l-ohra dawk il-fatturi li gharrfet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u li din il-Qorti tikkondividi.*

*Il-Qorti tikkonsidra li l-ewwel Qorti ma naqset bl-ebda mod fl-ezercizzju taghha fil-komputazzjoni tal-kumpens, izda izzid mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, dawk il-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti stess fis-sentenzi taghha ricenti fl-ismijiet* ***Josephine Azzopardi pro et noe v. Onor. Prim'Ministru et (****Q. Kost. 72/2015, 75/2014, 77/2014, 80/2014, 81/2014, 82/2014, 85/2014, 87/2014, 88/2014, 90/2014, 91/2014, 94/2014, 95/2014, 96/2014 u 98/2014, decizi 25 ta' April, 2018; Q.Kost. 93/2014 deciz 31 ta' Jannar 2019; Q.Kost. 79/2014 u 97/2014 decizi 29 ta' Marzu 2019) li ghalihom qed issir debita riferenza, fejn f'sfond u f'cirkostanzi simili, din il-Qorti elenkat diversi fatturi relevanti ghal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq applikabbli ghal kaz odjern u li huma s-segwenti:*

*....*

*(iii) il-valur tas-suq tal-fond u l-valur lokatizju tieghu ghalkemm dan ma jfissirx necessarjament li l-attrici kienet sejra ssib tikrih daqshekk u bl-istess kondizzjonijiet dwar responsabilita' ghal tiswijiet bhal fil-kaz ta'kiri kontrollat;*

*(iv) l-ghan legittimu u socjali tal-ligi impunjata;*

*(v) il-fatt li l-kumpens li jinghata ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali ma huwiex l-istess bhad-danni civili izda, minkejja dan ghandu jkun kumpens shih li, kemm jista'jkun, iqiegħed lill-attur fil-posizzjoni li kien ikun fiha li kieku dak il-ksur ma sehhx;*

*(vi) l-incertezza li ghaddiet minnha l-attrici dwar jekk qattx setghet tiehu hwejjigha lura, u meta;*

*(vii) il-fatt li kienet imcahhda wkoll mill-possibilita' li tizviluppa l-arja tal-appartament, u*

*(viii) il-fatt li biex tiehu dan ir-rimedju l-attrici kellha taghmel spejjez biex tiftah din il-kawza u biex tfittex l-izgumbrament tal-okkupanti tal-fond." (Q.Kost. 72/2015, **Josephine Azzopardi et v. Onorevoli Prim'Ministru et,** deciz 25 ta' April 2018.) ....*

*....... Tenut kont li l-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddipartixxi fil-kaz odjern mill-limiti tal-kumpens generalment likwidat f'kazijiet simili (Ghalkemm il-fattispecie tal-kull ka z jinbidel, ara Q. Kost. 1/12, **Raymond Cassar Torreggiani et v. Avukat Generali et,** deciz 29 ta' April, 2016, €5,000; Q. Kost. 12/13, **Ian Peter Ellis pro et noe v. Maggur Alfred Cassar Reynaud et,** 27 ta' Jannar, 2017, €15,000; Q. Kost. 2/17, **Maria Pia sive Maria Galea v. Avukat Generali et,** 14 ta' Dicembru, 2018, €10,000; Q. Kost. 1/17, **Chemimart Ltd v. Avukat Generali et,** 14 ta' Dicembru, 2018, €5,000; Q. Kost. 8/16, **Sergio Falzon et v. Alfred Farrugia et,** 14 ta' Dicembru, 2018, €15,000; u Q. Kost. 7/17, **Alessandra Radmilli v. Joseph Ellul et,** 14 ta' Dicembru, 2018, €25,000;*

*u in partikolari is-sentenzi fl-ismijiet* ***Josephine Azzopardi pro et noe v. Onor. Prim'Ministru*** *decizi fil-25 ta' April, 2018, skont ir-riferenza fin-nota ta' qabel din) sabiex tinzamm ir-relattivita` fir-rigward u, wara li hadet is-suespost in konsiderazzjoni, qieghda tikkonsidra li l-aggravju tar-rikorrenti mhuwiex gustifikat.*"

Għal likwidazzjoni ta' kumpens xieraq, l-Qorti żżid ukoll dawn il-konsiderazzjonijiet marbuta mal-fatti speċe partikolari ta' dan il-każ:

L-isproporzjon sostanzjali fid-differenza bejn il-kera li tħallas l-inkwilina u dik li setgħu jirċievu skont is-suq ħieles ir-rikorrenti li kieku l-fond ma kienx suġġett għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni - skont l-istess rapport tal-perit maħtur mill-Qorti sabiex jistabbilixxi l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni mis-sena 1987 'l quddiem, juri dan b'intervalli ta' ħames snin. Għaldaqstant bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-ammont imħallas mill-intimata huwa kumpens xieraq għar-rikorrenti għaċ-ċaħda tat-tgawdija tal-proprjeta` tagħhom. Wieħed iżomm ukoll f'moħħu iżda, li kienet saret derekwiżizzjoni fl-2003.

L-inerzja da parti tal-iStat, li matul is-snin baqa' passiv għall-ħtieġa ta' intervent effettiv sabiex joħloq bilanċ aktar proporzjonat bejn il-piżijiet u d-drittijiet ta' persuni fil-qagħda tar-rikorrenti;

Il-fatt li r-rikorrenti rrikonoxxew lill-inkwilina u anke aċċettaw il-kera;

Li l-intimata għadha tirrisjedi fil-fond u għalhekk ir-rikorrenti ilhom imċaħħda mill-pussess tiegħu sa minn meta ħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni, jiġifieri mill-1985.

Il-fatt ta' jekk ir-rikorrenti kinux neċessarjament ser isibu lil min jikru l-fond mingħajr waqfien b'dik il-kera u bl-istess kondizzjonijiet.

Tereza Bezzina mietet fl-1996 b'testment u ħalliet b'legat il-fond inwkistjoni lil oħtha Giovanna Gilson. Issa din il-Qorti dejjem sostniet li hemm differenza kbira bejn li persuna titħalla' eredi u universali jew b'titolu singulari bħal ma huwa legat jew donazzjoni. F'dan l-aħħar każ il-persuna ma hiex intitolata tidħol fiż-żarbun tal-mejjet iżda tiret bil-limitazzjoni li legat iġib miegħu. Fi ftit kliem legatarju mhux intitolat jitlob kumpens ai fini ta' dawn l-azzjonijiet.

Issa Giovanni Gilson mietet fis-17 ta' Awwissu 2012 u ħalliet b'titolu ta' legat lil żewġha legat ta' l-użufrutt u nnominat lil uliedha bħala eredi universali. Dan ifisser li r-rikorrenti wara l-mewt ta' ommhom wirtu biss in-nuda propjeta' tal-fond mertu tal-kawża għalhekk ma humiex intitolati li jitolbu kumpens jekk mhux minn meta seħħet il-konsolidazzjoni bejn in-nuda propjeta u drittijiet kollha qua. Din il-konsolidazzjoni seħħet bil-mewt ta' Victor Gilson fid-19 ta' Settembru 2018. Issa d-derekwżizzjoni tneħħiet f'Mejju 2003. Allura jekk qatt, fid-dawl li l-kera ġiet aċċettata mingħand l-intimat inkwilin, is-sitwazzjoni tinsab regolata mill-Kap 69 u mhux mill-Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta.

Issa kieku wieħed kellu jikkonsidra dan kollu, fis-sewwa ma hemmx kumpens x'jinghata. Imma din il-Qorti qieset li anke jekk is-sitwazzjoni hi li, din svolġiet b'konsegwenza tal-ordni ta' rekwiżizzjoni, fi żminijiet meta s-sid kien isib ruħu rinfaċċat fejn ma jistax jagħmel mod ieħor ħlief li jirrikonoxxi lil min tqiegħed fl-okkupazzjoni tal-fond mill-intimata Awtorita'. Għalhekk il-Qorti tħoss li huwa

ġust li r-rikorrenti jingħataw xi xorta ta' kumpens.

Dan ifisser ukoll li l-Awtorita' intimata, fid-dawl li din l-azzjoni ġiet presentata ħafna wara li ħareg id-derekwiżizzjoni, ma għandiex twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti. Għaliex ukoll dak li għamlet l-Awtorita' intimata ma jidhirx li għamlitu b'abbuż iżda għaliex il-liġi kienet tippermettilha. L-Awtorita' ma tweġibx għal-liġijiet għaliex dawn mhux hi tagħmilhom. Għalhekk ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti għaldaqstant issib xieraq li jitħallas kumpens lir-rikorrenti fis-somma ta' ħmistax -il elf u tmien mija u disgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€15,879.65). Tali somma ma hiex tqis ukoll iż-żmien li r-rikorrenti ħadu biex iressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti. Dan għal raġunijiet indikati mill-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet **Apap Bologna vs Malta**, 30 ta' Novembru 2016 para 46. Dan l-ammont huwa kumpens mill-1987 sa 2003 jiġifieri sa meta ħarġet ordni ta' derekwiżizzjoni. Minn wara 2003, ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-inkwilina ma baqgħetx bis-saħħa tal-ordni ta' rekwiżizzjoni. Dan kif ġa` ġie spjegat u diskuss aktar qabel.

Dan l-ammont għandu sintendi jitħallas mill-Avukat tal-iStat li, kif jixhed ismu stess, qed jirrappreżenta l-iStat. Fid-dawl tal-massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, il-Qorti ma tistax issib lill-intimata responsabbli biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-kumpens lir-rikorrenti minħabba s-sejbien ta' ksur ta' xi dritt fundamentali tagħhom. Din il-fehma hija msejsa wkoll fuq il-fatt li l-

ilment tar-rikorrenti jirrigwarda liġi li għamilha l-iStat u mhux iċ-ċittadin li, min-naħa tiegħu, għandu dritt jinqeda biha fil-parametri tagħha u sa fejn din ma titqiesx li qiegħda tikser xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;

*Illi kif inhu miżmum u mgħallem "fil-każ ta' liġi leżiva tad-drittijiet konvenzjonali jew kostituzzjonali, huwa l-Istat u mhux iċ-ċittadin li għandu jirrispondi. Għax huwa prinċipalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tas-sid ma jinkisrux" (Kost.* ***24.2.2012*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Louis Apap Bologna vs Kalċidon Ċiantar et****; u Kost.* ***6.2.2015*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali et****)*;"

**Decide**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba rikorrenti** u tiddikjara u tiddeċiedi illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti kienet teżisti leżjoni minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru 833/85 sakemm din baqgħet fis-seħħ, u b'hekk teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawża minnhom kif sanċit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Iżda tali effetti tal-istess ordni ta' rekwiżizzoni m'għadhomx jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti;

**Tiċħad it-tieni talba rikorrenti** u għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehmna illi

mhuwiex kompitu tagħha li tiddeċiedi dwar l-iżgumbrament tal-inkwilina mill-fond *de quo;*

**Tilqa' l-kumplament tat-talbiet rikorrenti** u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-iStat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwiżizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-inkwilina. B'hekk, il-Qorti tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' ħmistax -il elf u tmien mija u disgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€15,879.65), u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-iStat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.
Tillibera lill-intimati l-ohrajn mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjeż jitħallsu mill-intimati Avukat tal-iStat u l-Awtoritá tad-Djar.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**